# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A. (HONS) LL.D. – PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D. A R HIST. S**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 20 ta' Marzu 2001**

**Numru 14**

**Citaz. numru: 1151/98 GV**

**Mid-Med Bank plc**

**vs**

**Diane Lesley Vella u Dottor Joseph Chetcuti u P.L. Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-eredita' gjacenti ta' Lawrence Vella**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' l-appell;

Rat ir-risposti u senjatament dik tal-Bank appellat li biha jaghti l-kunsens tieghu biex il-konvenuta Diana Lesley Vella ta' nazzjonalita' barranija tigi ammessa biex tipprezenta Nota ta' l-Eccezzjonijiet quddiem l-Ewwel Qorti;

Ikkunsidrat:

Billi jirrizulta li l-appellanti ma kenitx taf bil-lingwa Maltija u ma gietx notifikata b'kopja ta' l-att tac-citazzjoni bil-lingwa Ingliza kif jesigi l-Kap. 12;

Billi ssa f'dawn il-proceduri ta' l-appell hi ddikjarat li lesta taghti ruhha b'notifikata bl-att tac-citazzjoni u lesta wkoll tezenta lill-Bank li jinnotifika bl-atti bil-lingwa Ingliza u ma jidhirx li hemm ostakolu li l-kawza titkompla quddiem l-Ewwel Qorti;

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tirrevoka d-digriet appellat tat-28 ta' Frar 2000 u tirrimetti l-atti quddiem l-Ewwel Qorti b'dan li t-terminu minn meta kellu jiddekorri z-zmien li fih jigu prezentati l-Eccezzjonijiet mill-appellanti kellu jigi determinat mill-Ewwel Qorti.

Spejjez ta' dan l-incident qed jigu riservati ghall-gudizzju finali.

Dep. Reg.